MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 996/2006

**Adrian Delia (ID 299369M)**

**Vs**

**Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Novembru, 2006 fejn l-attur qed jitlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mitejn u erbatax il-lira, erbghin centezmu (Lm1,214.40) rapprezentanti valur ta` servizzi professjonali rezi u imghaxijiet relattivi dekorsi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 17 ta` Mejju, 2006 u bl-imghax legali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 22 ta` Novembru, 2006 fejn eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta` l-

azzjoni odjerna ai termini ta` l-artikolu 2149 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tieni lok li l-ammont mitlub ma kienx dovut oltre ghall-fatt li ma tistax titlob hlas ta` l-imghax bhala capital u fl-ahhar nett peress illi l-pretenzjoni kienet nfondata fattwalment u legalment b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghitja minn dan it-Tribunal datata 16 ta` Marzu, 2007 fejn gie deciz li l-artikolu tal-ligi kwotat ma kienx applikabbli ghal meritu tat-talba odjerna u kwindi cahad l-istess eccezzjoni preliminari u ordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjes ta` dik id-decizjoni a karigu tal-konvenut.

Ra illi l-konvenut permezz ta` nota ulterjuri eccepixxa l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna a bazi ta` l-artikolu 2149 (c) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ra illi ma ngiebu ebda provi ulterjuri dwar din l-ahhar eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensur ta` l-attur li rrimetta ruhu ghal provi gia` prodotti, cioe` d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi din id-darba l-artikolu indikat mill-konvenut huwa fil-fatt applikabbli ghal kaz odjern stante li jitkellem appuntu dwar l-azzjoni ta` avukat biex jigbor id-drittijiet u l-ispejjez tieghu liema azzjoni hija preskrivibbli bid-dekors ta` sentejn.

L-artikolu 2150 (1) Kap. 16 izid ighid li tali perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza finali jew tat-transazzjoni tal-kawza jew mid-data ta` meta jitwaqqaf l-inkarigu. Illi f'sitwazzjonijiet fejn is-servizz professjonali ma hux konness ma kawza, tali perjodu jibda jiddekorri mid-data ta` meta nghata s-servizz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti li li d-drittijiet dovuta ghal servizzi professjonali huma strettament fl-ammont ta` Lm720 peress illi l-kumplament tas-somma

mitluba jirrapprezentaw imghaxijiet legali, spejjez gudizzjarji u Taxxa tal-VAT. Illi skond l-invoice esebita a fol. 13 tal-process mibghuta mill-attur lill-konvenut, fejn hemm indikat rendikont tad-drittijiet professjonali mitluba, din iggib id-data tal-5 ta` Novembru, 1999 filwaqt li l-ittra ufficcjali li ntbghatet bhala nterpellanza ghal tali hlas esebita a fol. 12 tal-process tinsab datata 17 ta` Mejju, 2006. Illi ma jirrizultax li kien hemm xi att gudizzjarju iehor jew xi att ta` ammissjoni da parti tal-konvenut li b'xi mod setghet serviet bhala interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Illi ghalkemm huwa minnu li ma ngibietx prova dwar id-data meta l-inkarigu gie terminat pero` anqas ma jirrizulta li l-konvenut issokta jinqeda bis-servizzi ta` l-attur wara Awwissu, 1999, ta` l-anqas fuq il-materja ndikata fl-invoice a fol. 13 tal-process.

Illi ghalhekk mid-dokumenti esebiti ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li t-talba odjerna ta` l-attur tinsab ormai preskritta bit-terminu ta` sentejn kif stipulat fl-artikolu 2149 (c) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u kwindi din l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Illi ghal din ir-raguni, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni ulterjuri ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut a tenur ta` l-artikolu 2149 (c) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, kwindi jichad t-talba attrici bl-ispejjez ta` din id-decizjoni a karigu ta` l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------